EMENDI 001-122
mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapport
Knut Fleckenstein, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra **A8-0174/2019**
L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

Proposta għal regolament (COM(2018)0465 – C8-0274/2018 – 2018/0247(COD))

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***L-għanijiet*** ta' strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni ***huma distinti fis-sustanza mill-objettivi*** ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ***minħabba li dan l-istrument għandu l-għan li jipprepara lill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I għal sħubija futura fl-Unjoni u li jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni tagħhom***. ***Għaldaqstant, huwa essenzjali li jinżamm*** strument dedikat bħala appoġġ għat-tkabbir, ***filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà tiegħu mal-għanijiet*** ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI – Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument).	(2) ***L-objettiv*** ta' strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni ***huwa li jipprepara lill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I ("benefiċjarji") għal sħubija futura fl-Unjoni u li jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni tagħhom, bi qbil mal-objettivi*** ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ***inkluż ir-rispett għad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt kif imniżżla fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***. ***Filwaqt li n-natura distinta tal-proċess ta' adeżjoni jitlob*** strument dedikat bħala appoġġ għat-tkabbir, ***l-objettivi u l-funzjonament ta' dan l-istrument jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-objettivi*** ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni ***u kumplimentari għalihom*** u b'mod partikolari mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI – Neighbourhood, Development and

International Cooperation Instrument).

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Artikolu 49 ***tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)*** jipprevedi li kull stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u li jimpenja ruħu li jippromwovi dawn il-valuri, jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. ***Stat Ewropew li jkun applika biex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jiġi kkonfermat li jissodisfa l-kriterji ta' sħubija stabbiliti fil-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen f'Ġunju 1993 (il-"kriterji ta' Copenhagen") u dejjem jekk l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tintegra lill-membru l-ġdid. Il-kriterji ta' Copenhagen huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq operattiva kif ukoll il-kapaċità li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, u l-abbiltà li jieħu fuqu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi stabbiliti fit-Trattati, inkluża aderenza mal-għanijiet ta' unjoni politika, ekonomika u monetarja.***	(3) L-Artikolu 49 ***tat-TUE*** jipprevedi li kull stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u li jimpenja ruħu li jippromwovi dawn il-valuri, jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. ***Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà li fiha jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-proċess tat-tkabbir huwa mibni fuq kriterji stabbiliti u kundizzjonalità ġusta u	(4) Il-proċess tat-tkabbir huwa mibni fuq kriterji stabbiliti u kundizzjonalità ġusta u

rigoruża. Kull benefiċjarju jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-merti proprji tiegħu. Il-valutazzjoni tal-progress miksub u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet għandhom l-għan li jipprovdu inċentivi u gwida lill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I biex jaħdmu fuq ir-riformi estensivi meħtieġa. Sabiex il-prospett ta' tkabbir isir realtà, l-impenn sod għall-prinċipju tal-"fundamentali l-ewwel"[15] huwa essenzjali. Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi fuq ir-rispett ta' kull applikant għall-valuri tal-Unjoni u l-kapaċità tiegħu li jwettaq ***ir-riformi*** meħtieġa sabiex jallinja s-sistemi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi u ekonomiċi mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki fl-Unjoni.

[15] L-approċċ tal-"fundamentali l-ewwel" jorbot l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali maż-żewġ oqsma kruċjali l-oħrajn tal-proċess ta' adeżjoni: il-governanza ekonomika – enfasi msaħħa fuq l-iżvilupp ekonomiku u kompetittività mtejba – u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Kull wieħed minn dawn it-tliet prinċipji fundamentali huwa ta' importanza kruċjali għall-proċessi ta' riforma fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u jindirizza t-tħassib ewlieni taċ-ċittadini.

rigoruża. Kull benefiċjarju jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-merti proprji tiegħu. Il-valutazzjoni tal-progress miksub u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet għandhom l-għan li jipprovdu inċentivi u gwida lill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I biex jaħdmu fuq ir-riformi estensivi meħtieġa. Sabiex il-prospett ta' tkabbir isir realtà, l-impenn sod għall-prinċipju tal-"fundamentali l-ewwel"[15] huwa essenzjali. ***Ir-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali bbażati fuq soluzzjoni definittiva, inklużiva u vinkolanti ta' tilwim bilaterali huma elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir u kritiċi għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Unjoni kollha kemm hi.*** Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi fuq ir-rispett ta' kull applikant għall-valuri tal-Unjoni u l-kapaċità tiegħu li jwettaq ***u jimplimenta r-riformi*** meħtieġa sabiex jallinja s-sistemi politiċi, istituzzjonali, legali***, soċjali***, amministrattivi u ekonomiċi mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki fl-Unjoni. ***Il-Qafas ta' Negozjati jistabbilixxi r-rekwiżiti li magħhom jiġi valutat il-progress fin-negozjati ta' adeżjoni ma' kull pajjiż kandidat.***

[15] L-approċċ tal-"fundamentali l-ewwel" jorbot l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali maż-żewġ oqsma kruċjali l-oħrajn tal-proċess ta' adeżjoni: il-governanza ekonomika – enfasi msaħħa fuq l-iżvilupp ekonomiku u kompetittività mtejba – u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Kull wieħed minn dawn it-tliet prinċipji fundamentali huwa ta' importanza kruċjali għall-proċessi ta' riforma fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u jindirizza t-tħassib ewlieni taċ-ċittadini.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Stat Ewropew li jkun applika biex jaderixxi mal-Unjoni jista' jsir membru tal-Unjoni biss meta jiġi kkonfermat li jissodisfa totalment il-kriterji ta' adeżjoni stabbiliti fil-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen f'Ġunju 1993 (il-"kriterji ta' Copenhagen") u dejjem jekk l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tintegra lill-membru l-ġdid. Il-kriterji ta' Copenhagen huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona kif ukoll il-kapaċità li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, u l-abbiltà li jieħu fuqu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi stabbiliti fit-Trattati, inkluż il-ksib tal-għanijiet ta' unjoni politika, ekonomika u monetarja.

Emenda 5Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni ***hija investiment fil-paċi***, ***fis-sigurtà*** u ***fl-istabbiltà fl-Ewropa***. Din tagħti aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali, għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Istati Membri aspiranti. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jintroduċi bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali.	(5) Il-politika tat-tkabbir ***hija parti integrali mill-azzjoni esterna*** tal-Unjoni***, u tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà***, ***il-prosperità*** u ***l-istabbiltà kemm ġewwa kif ukoll barra l-fruntieri tal-Unjoni***. Din tagħti aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali, għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Istati Membri aspiranti ***filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' integrazzjoni progressiva biex tiġi żgurata trasformazzjoni bla xkiel għall-benefiċjarji***. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jintroduċi bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll assistenza f'konformità mal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-benefiċjarji ***elenkati fl-Anness I***. Jenħtieġ li l-assistenza tkun tiffoka l-aktar fuq l-għajnuna lill-benefiċjarji ***elenkati fl-Anness I*** biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, biex jirriformaw l-amministrazzjoni ġudizzjarja u pubblika, biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni. Jenħtieġ ***ukoll*** li l-assistenza ssostni ***l-prinċipji*** u d-drittijiet ewlenin kif definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[17]. Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tappoġġa l-isforzi tagħhom biex javvanzaw fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE. Jenħtieġ ***ukoll*** li ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-governanza ekonomika tagħhom, filwaqt li tirfed aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp reġjonali, ta' agrikoltura u żvilupp rurali, soċjali u tal-impjiegi, u l-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, f'konformità wkoll mal-inizjattiva emblematika l-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent.	(7) Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll assistenza f'konformità mal-ftehimiet ***internazzjonali*** konklużi mill-Unjoni***, inkluż*** mal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-assistenza tkun tiffoka l-aktar fuq l-għajnuna lill-benefiċjarji biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, biex jirriformaw l-amministrazzjoni ġudizzjarja u pubblika, biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali***, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi,*** u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali***, ir-rispett tal-istandards internazzjonali tax-xogħol relatati mad-drittijiet tal-ħaddiema*** u n-nondiskriminazzjoni ***kontra gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal u persuni b'diżabbiltajiet***. Jenħtieġ li l-assistenza ssostni ***wkoll l-osservanza, min-naħa tal-benefiċjarji, tal-prinċipji*** u d-drittijiet ewlenin kif definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[17]***, kif ukoll tal-ekonomija soċjali tas-suq u tal-konverġenza lejn l-acquis soċjali***. Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tappoġġa l-isforzi tagħhom biex javvanzaw fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE***, bil-ħsieb li jiġu żviluppati relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u tissaħħaħ ir-rikonċiljazzjoni***. Jenħtieġ li ***wkoll tippromwovi stutturi ta' kooperazzjoni settorjali reġjonali u*** ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-governanza ekonomika tagħhom, ***trawwem l-integrazzjoni ekonomika mas-suq uniku tal-Unjoni, inkluża l-kooperazzjoni doganali, tippromwovi kummerċ miftuħ u ġust,*** filwaqt li tirfed aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, inkluż

	permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp reġjonali***, ta' koeżjoni u inklużjoni***, ta' agrikoltura u żvilupp rurali, soċjali u tal-impjiegi, u l-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, f'konformità wkoll mal-inizjattiva emblematika l-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent.
[17] Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat solennement mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir li sar f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017.	[17] Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat solennement mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir li sar f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Meta wieħed iqis in-natura trasformattiva tal-proċess ta' riforma matul il-proċess ta' tkabbir fil-pajjiżi kandidati, l-Unjoni jenħtieġ li ttejjeb l-isforzi tagħha fil-prijoritizzazzjoni ta' oqsma ewlenin għall-finanzjament tal-Unjoni, bħalma huma l-bini tal-istituzzjoni u tas-sigurtà, u ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għal pajjiżi kandidati meta jimplimentaw proġetti bil-għan li tipproteġi dawk il-pajjiżi kandidati minn influwenzi mhux tal-UE.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) L-isforzi tal-Unjoni biex tappoġġa l-progress tar-riforma fil-pajjiżi kandidati permezz tal-finanzjament tal-IPA jenħtieġ li jkunu kkomunikati sew fil-pajjiżi kandidati, kif ukoll fl-Istati Membri. L-Unjoni, f'dak ir-rigward, jenħtieġ li

ssaħħaħ l-isforzi ta' komunikazzjoni u ta' kampanja sabiex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-IPA, bħala l-istrument ewlieni tal-UE ta' paċi u stabbiltà f'oqsma tat-tkabbir.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) L-importanza tal-faċilitazzjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit hija rikonoxxuta fir-rigward tal-bini tal-istituzzjonijiet, li mbagħad tgħin fl-antiċipazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sigurtà possibbli, u tipprevjeni l-flussi migratorji illegali possibbli fil-futur lejn l-Istati Membri.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali msaħħa bejn l-Unjoni u l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I dwar is-sigurtà hija kruċjali biex it-theddid ta' terroriżmu u ***għas-sigurtà jiġi*** indirizzat ***effettivament*** u ***effiċjentement***.	(9) Il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali msaħħa bejn l-Unjoni u l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I dwar is-sigurtà ***u r-riforma tas-settur tad-difiża*** hija kruċjali biex it-theddid ta' terroriżmu***, il-kriminalità organizzata*** u ***s-sigurtà jiġu*** indirizzat ***b'mod effettiv*** u ***effiċjenti***.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Jenħtieġ li l-azzjonijiet meħuda fl-ambitu tal-istrument stabbilit minn dan ir-

	Regolament jikkontribwixxu wkoll biex jagħtu għajnuna lill-benefiċjarji fl-allinjament progressiv mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), u l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi kif ukoll il-politiki esterni usa' tal-Unjoni fl-istituzzjonijiet internazzjonali u fil-fora multilaterali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkoraġġixxi l-benefiċjarji jżommu ordni globali abbażi tar-regoli u l-valuri u jikkooperaw dwar il-promozzjoni tal-multilateraliżmu u t-tisħiħ ulterjuri tas-sistema internazzjonali tal-kummerċ, inklużi r-riformi tad-WTO.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Huwa essenzjali li tiżdied iktar l-kooperazzjoni*** dwar il-migrazzjoni inkluża l-ġestjoni tal-fruntieri, dwar l-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti, dwar it-tisħiħ tal-benefiċċji għall-iżvilupp tal-migrazzjoni, dwar il-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni legali u tal-ħaddiema, dwar it-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri u ***fuq l-isforz tagħna fil-ġlieda kontra*** l-migrazzjoni irregolari, kontra t-traffikar ta' bnedmin u ***kontra l-faċilitazzjoni*** ta' ***immigrazzjoni illegali***.	(10) ***Il-kooperazzjoni*** dwar il-migrazzjoni inkluża l-ġestjoni ***u l-kontroll*** tal-fruntieri, dwar l-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti, dwar it-tisħiħ tal-benefiċċji għall-iżvilupp tal-migrazzjoni, dwar il-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni legali u tal-ħaddiema, dwar it-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri u ***l-isforzi li jipprevjenu u jiskoraġġixxu*** l-migrazzjoni irregolari ***u l-ispustar furzat tal-persuni***, ***u l-ġlieda*** kontra t-traffikar ta' bnedmin u ***d-dħul klandestin ta' persuni huma aspett importanti*** ta' ***kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-benefiċjarji***.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-tisħiħ tal-istat ta' dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità	(11) It-tisħiħ tal-istat ta' dritt, inkluż ***l-indipendenza tal-ġudikatura,*** il-ġlieda

organizzata, u l-governanza tajba, inkluża r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, għandhom sfidi ewlenin ***fil-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I*** u huma essenzjali sabiex il-benefiċjarji jersqu eqreb lejn l-Unjoni u aktar tard ***biex*** jieħdu fuqhom b'mod sħiħ l-obbligi tas-sħubija fl-Unjoni. Minħabba li r-riformi mixtieqa f'dawk l-oqsma huma fit-tul u minħabba l-ħtieġa li jinbnew rekords ta' prestazzjoni, l-assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li tindirizza ***r-rekwiżiti imposti fuq il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I*** mill-aktar fis possibbli.	kontra l-korruzzjoni***, il-ħasil tal-flus*** u l-kriminalità organizzata, u l-governanza tajba, inkluża r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, ***filwaqt li jingħata appoġġ lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-allinjament kontinwu dwar it-trasparenza, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, il-proprjetà intellettwali u l-investiment barrani*** għadhom sfidi ewlenin u huma essenzjali sabiex il-benefiċjarji jersqu eqreb lejn l-Unjoni u ***jitħejjew biex*** aktar tard jieħdu fuqhom b'mod sħiħ l-obbligi tas-sħubija fl-Unjoni. Minħabba li r-riformi mixtieqa f'dawk l-oqsma huma fit-tul u minħabba l-ħtieġa li jinbnew rekords ta' prestazzjoni, l-assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li ***tkun programmata biex*** tindirizza ***dawn il-kwistjonijiet*** mill-aktar fis possibbli.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'konformità mal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva, ***is-sorveljanza*** parlamentari ***ta' kull benefiċjarju elenkat fl-Anness I ta' min tiġi inkoraġġita mill-Kummissjoni***.	(12) ***Id-dimensjoni parlamentari tibqa' fundamentali fil-proċess ta' adeżjoni. Għalhekk,*** f'konformità mal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet*** parlamentari***, is-sorveljanza parlamentari, il-proċeduri demokratiċi u r-rappreżentanza ġusta ta' kull benefiċjarju***.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-benefiċjarji ***elenkati fl-Anness I*** hemm bżonn li jkunu ppreparati aħjar	(13) Il-benefiċjarji hemm bżonn li jkunu ppreparati aħjar sabiex jindirizzaw l-isfidi

sabiex jindirizzaw l-isfidi dinjija, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawk il-kwistjonijiet. Biex jirrifletti l-importanza li t-tibdil fil-klima jiġi indirizzat konformi mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs – Sustainable Development Goals), dan il-programm ***għandu*** jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira globali ta' 25 % tal-infiq baġitarju tal-UE li jappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Programm ***huma mistennija*** li jikkontribwixxu 16 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm favur objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u ***l-implimentazzjoni*** tal-Programm, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan il-programm jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet u mill-proċessi ta' rieżami rilevanti.	dinjija, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawk il-kwistjonijiet. Biex jirrifletti l-importanza li t-tibdil fil-klima jiġi indirizzat konformi mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs – Sustainable Development Goals), dan il-programm ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira globali ta' 25 % tal-infiq baġitarju tal-UE li jappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Programm ***jenħtieġ*** li ***jimmiraw biex*** jikkontribwixxu ***tal-inqas*** 16 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm favur objettivi klimatiċi***, filwaqt li jistinkaw biex jilħqu l-għan li l-infiq relatat mal-klima jilħaq, sal-2027, it-30 % tan-nefqa tal-QFP. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-proġetti ambjentali li jindirizzaw it-tniġġis transfruntier.*** L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u ***l-eżekuzzjoni*** tal-Programm, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan il-programm jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet u mill-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-konformità, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-assistenza ***tagħhom***, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-assistenza. Jenħtieġ li jittieħdu wkoll il-passi meħtieġa sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet regolari, ma' donaturi	(16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-konformità, il-koerenza, ***il-konsistenza*** u l-komplementarjetà tal-assistenza ***finanzjarja esterna***, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-assistenza. Jenħtieġ li jittieħdu wkoll il-passi meħtieġa sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar, inkluż permezz ta'

oħrajn. ***Ir-rwol*** tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li ***jiġi msaħħaħ kemm fil-programmi implimentati*** permezz ta' korpi ***ta' governanza*** u ***bħala benefiċjarju dirett*** tal-assistenza tal-Unjoni.

konsultazzjonijiet regolari, ma' donaturi oħrajn. ***Organizzazzjonijiet differenti indipendenti*** tas-soċjetà ċivili ***u tipi u livelli differenti ta' awtoritajiet lokali jenħtieġ li jiżvolġu rwol sinifikanti fil-proċess***. ***B'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** jenħtieġ li ***jkunu parti mit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi eżegwiti*** permezz ta' korpi ***governattivi*** u ***jkunu l-benefiċjarji diretti*** tal-assistenza tal-Unjoni.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Il-prijoritajiet għall-azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet*** fl-oqsma ta' politika ***relevanti*** li ***se*** jiġu ***appoġġati taħt dan ir-regolament jenħtieġ li jiġu definiti*** f'qafas ta' programmazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni ***għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027*** fi sħubija mal-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I***, fuq il-bażi tal-aġenda tat-tkabbir u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, f'konformità ***mal-għanijiet*** ġenerali u speċifiċi ddefiniti minn dan ir-Regolament ***u*** filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istrateġiji nazzjonali rilevanti. Jenħtieġ li l-qafas ta' programmazzjoni jidentifika l-oqsma li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-assistenza b'allokazzjoni indikattiva għal kull qasam ta' appoġġ, inkluż stima tan-nefqa relatata mal-klima.	(17) ***L-objettivi speċifiċi u miżurabbli*** fl-oqsma ta' politika ***rilevanti jenħtieġ*** li jiġu ***definiti għal kull benefiċjarju, segwiti minn prijoritajiet għal azzjoni biex jintlaħqu dawn l-objettivi*** f'qafas ta' programmazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni ***permezz ta' atti delegati. Il-qafas ta' programmazzjoni jenħtieġ li jiġi stabbilit*** fi sħubija mal-benefiċjarji, fuq il-bażi tal-aġenda tat-tkabbir u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, f'konformità ***mal-objettivi*** ġenerali u speċifiċi ddefiniti minn dan ir-Regolament ***u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni,*** filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istrateġiji nazzjonali rilevanti ***u r-riżoluzzjonijiet pertinenti tal-Parlament Ewropew. Jenħtieġ li tali sħubija tinkludi, kif hu xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-koordinament bejn id-donaturi. Il-qafas ta' programmazzjoni jenħtieġ li jiġi riežaminat wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu***. Jenħtieġ li l-qafas ta' programmazzjoni jidentifika l-oqsma li

	għandhom jiġu appoġġati permezz tal-assistenza b'allokazzjoni indikattiva għal kull qasam ta' appoġġ, inkluż stima tan-nefqa relatata mal-klima.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tassisti l-benefiċjarji ***elenkati fl-Anness I*** fl-isforzi tagħhom għar-riforma bil-ħsieb ta' sħubija fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-assistenza tiġi ġestita ***b'enfasi qawwija*** fuq ***ir-riżultati*** u ***b'inċentivi*** għal dawk li juru l-impenn tagħhom għar-riforma permezz tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-progress lejn l-ilħuq tal-kriterji tas-sħubija.	(18) Huwa fl-interess ***komuni*** tal-Unjoni ***u tal-benefiċjarji*** li tassisti l-benefiċjarji fl-isforzi tagħhom għar-riforma ***tas-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi tagħhom*** bil-ħsieb ta' sħubija fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-assistenza tiġi ġestita ***f'konformità mal-approċċ ibbażat*** fuq ***il-prestazzjoni b'inċentivi sinifikanti abbażi ta' użu iżjed effiċjenti*** u ***effettiv tal-fondi*** għal dawk li juru l-impenn tagħhom għar-riforma permezz tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-progress lejn l-ilħuq tal-kriterji tas-sħubija. ***Jenħtieġ li l-assistenza tkun allokata f'konformità mal-prinċipju tas-"sehem ġust" u tal-konsegwenzi ċari fil-każ ta' deterjorament gravi jew nuqqas ta' progress fir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.***

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ċari biex tiżgura li l-objettivi u l-azzjonijiet li jikkonċernaw benefiċjarji differenti jibqgħu rilevanti u fattibbli u li jkejlu l-progress b'mod regolari. Għal dak il-għan, kull objettiv jenħtieġ li jkun

	akkumpanjat minn indikatur tal-prestazzjoni wieħed jew aktar, li jivvaluta l-adozzjoni mill-benefiċjarji tar-riformi u l-implimentazzjoni konkreta tagħhom.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal ġestjoni indiretta mill-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I*** jenħtieġ li tkun progressiva u li timxi mal-kapaċitajiet rispettivi ta' dawk il-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tagħmel użu mill-istrutturi u mill-istrumenti li wrew kemm huma ta' valur fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni.	(19) It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal ġestjoni indiretta mill-benefiċjarji jenħtieġ li tkun progressiva u li timxi mal-kapaċitajiet rispettivi ta' dawk il-benefiċjarji***. Dik it-tranżizzjoni jenħtieġ li titreġġa' lura jew tiġi sospiża f'oqsma ta' politika jew ta' programm speċifiċi fil-każ li l-benefiċjarji jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi rilevanti jew li jamministraw il-fondi tal-Unjoni f'konformità mar-regoli, il-prinċipji u l-objettivi stabbiliti. Jenħtieġ li tali deċiżjoni tqis b'mod debitu kwalunkwe konsegwenza ekonomika u soċjali negattiva possibbli.*** Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tagħmel użu mill-istrutturi u mill-istrumenti li wrew kemm huma ta' valur fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u programmi tal-Unjoni oħrajn. Dan jinkludi, fejn huwa rilevanti, il-koerenza u l-komplementarjetà	(20) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb***, sabiex jiġi evitat it-trikkib ma' strumenti ta' finanzjament estern eżistenti oħra,*** permezz tal-koerenza***, il-konsistenza*** u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki

mal-assistenza makrofinanzjarja.	u programmi tal-Unjoni oħrajn. Dan jinkludi, fejn huwa rilevanti, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Mingħajr preġudizzju għall-proċedura tal-baġit u d-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni tal-għajnuna stabbilita fil-ftehimiet internazzjonali mal-benefiċjarji, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Anness I ta' dan ir-Regolament biex tissospendi, anki parzjalment, l-assistenza tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali setgħa tintuża meta jkun hemm rigress konsistenti fuq wieħed jew aktar mill-kriterji ta' Copenhagen jew meta l-benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jew jikser l-impenji li ħa fl-ambitu tal-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li r-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-assistenza ma jkunux japplikaw aktar, jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex temenda l-Anness I biex terġa' tintroduċi l-assistenza tal-Unjoni.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' ***implimentazzjoni*** skont dan ir-regolament	(24) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' ***eżekuzzjoni*** skont dan ir-regolament

jenħtieġ li ***jingħażlu*** fuq il-bażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jiksbu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. ***Ta' min jitqies l-użu*** ta' somom f'daqqa, prezzijiet fissi u kostijiet tal-unità, kif ukoll ta' finanzjament li ma jkunx marbut mal-kostijiet, kif inhu msemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

jenħtieġ li ***jintgħażlu*** fuq il-bażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jiksbu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. ***Dan jenħtieġ li jinkludi kunsiderazzjoni tal-użu*** ta' somom f'daqqa, prezzijiet fissi u kostijiet tal-unità, kif ukoll ta' finanzjament li ma jkunx marbut mal-kostijiet, kif inhu msemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tapplika regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet esterni. Ir-regoli u l-proċeduri ***għall-implimentazzjoni*** tal-istrumenti għall-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru [NDICI] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li jiġu stipulati dispożizzjonijiet addizzjonali dettaljati biex jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għall-oqsma ta' politika tal-kooperazzjoni transfruntiera u tal-agrikoltura u ***żvilupp*** rurali.	(25) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tapplika regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet esterni. Ir-regoli u l-proċeduri ***għall-applikazzjoni*** tal-istrumenti għall-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru [NDICI] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li jiġu stipulati dispożizzjonijiet addizzjonali dettaljati biex jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għall-oqsma ta' politika tal-kooperazzjoni transfruntiera u tal-agrikoltura u ***l-iżvilupp*** rurali.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-azzjonijiet esterni spiss jiġu implimentati f'ambjent volatili ħafna u jkun hemm bżonn adattament rapidu u kontinwu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għal sfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà,	(26) L-azzjonijiet esterni spiss jiġu implimentati f'ambjent volatili ħafna u jkun hemm bżonn adattament rapidu u kontinwu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għal sfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà***, id-difiża*** u l-

it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u ***l-migrazzjoni*** irregolari u l-għeruq tagħha. Li l-prinċipju tal-prevedibbiltà jiġi rikonċiljat mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda, għaldaqstant, jimplika li ***l-implimentazzjoni*** finanzjarja tal-programmi tiġi adattata. Biex tiżdied l-abbiltà tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet imprevisti, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit annwalment, ir-Regolament jenħtieġ li jippreserva l-possibbiltà li jiġu applikati l-flessibilitajiet diġà permessi mir-Regolament Finanzjarju għal politiki oħrajn, jiġifieri trasferimenti u impenji mill-ġdid ta' fondi impenjati, biex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, kemm għaċ-ċittadini tal-UE u għall-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, biex b'hekk jiġu massimizzati l-fondi tal-UE disponibbli għall-interventi ta' azzjoni esterna tal-UE.	istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, ***il-protezzjoniżmu ekonomiku, il-migrazzjoni*** irregolari u ***l-ispustar furzat tal-persuni*** u l-għeruq tagħha. Li l-prinċipju tal-prevedibbiltà jiġi rikonċiljat mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda, għaldaqstant, jimplika li ***l-eżekuzzjoni*** finanzjarja tal-programmi tiġi adattata. Biex tiżdied l-abbiltà tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet imprevisti, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit annwalment, ir-Regolament jenħtieġ li jippreserva l-possibbiltà li jiġu applikati l-flessibilitajiet diġà permessi mir-Regolament Finanzjarju għal politiki oħrajn, jiġifieri trasferimenti u impenji mill-ġdid ta' fondi impenjati ***filwaqt li taderixxi mal-għanijiet u l-objettivi mniżżla f'dan ir-Regolament***, biex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, kemm għaċ-ċittadini tal-UE u għall-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, biex b'hekk jiġu massimizzati l-fondi tal-UE disponibbli għall-interventi ta' azzjoni esterna tal-UE. ***Jenħtieġ li jitħallew forom addizzjonali ta' flessibbiltà bħal pereżempju r-riallokazzjoni fost il-prijoritajiet, il-qsim ta' proġetti f'fażijiet differenti u l-ikkuntrattar eċċessiv.***

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Il-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera huma l-aktar programmi viżibbli tal-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, kif ukoll huma magħrufa sew miċ-ċittadini. Il-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera jistgħu għalhekk itejbu b'mod sinifikanti l-viżibilità tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fl-istati kandidati;

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Jenħtieġ li l-allokazzjonijiet ta' finanzjament kollha fl-ambitu ta' dan ir-Regolament isiru b'mod trasparenti, effettiv, responsabbli, depolitiċizzat u mhux diskriminatorju, anki permezz ta' distribuzzjoni ekwa li tirrifletti l-bżonnijiet tar-reġjuni u tal-muniċipalitajiet lokali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("VP/RGħ") u, b'mod partikolari, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jagħmlu monitoraġġ mill-qrib tal-fatt li dawk il-kriterji jiġu ssodisfati u li l-prinċipji tat-trasparenza, tal-obbligu ta' rendikont u tan-nondiskriminazzjoni jiġu rispettati fl-allokazzjoni tal-fondi.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 31b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-VP/ir-RGħ u, b'mod partikolari, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u l-benefiċjarji jsaħħu l-viżibbiltà tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-Unjoni bil-għan li jikkomunikaw il-valur miżjud tal-appoġġ tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni jirrikonoxxu l-oriġini tal-finanzjament tal-Unjoni u jiżguraw il-viżibbiltà adegwata tiegħu. Jenħtieġ li l-IPA jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni għal finijiet ta' promozzjoni tar-riżultati tal-assistenza tal-Unjoni indirizzati lejn pubbliku ta' tipi differenti fil-benefiċjarji.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' kundizzjonijiet u strutturi speċifiċi għall-ġestjoni indiretta mal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza għall-iżvilupp rurali, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont [ir-Regolament (UE) Nru 182/2011[25] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]. Meta jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, it-tagħlimiet mitgħallma mill-ġestjoni u mill-implimentazzjoni tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni passata jenħtieġ li jiġu kkunsidrati. Dawk il-kundizzjonijiet uniformi jenħtieġ li jiġu emendati jekk l-iżviluppi jkunu jirrikjedu dan.	***imħassar***

---

[25] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-kumitat stabbilit skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun kompetenti	***imħassar***

wkoll għall-atti u l-impenji legali skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006[26] skont ir-Regolament (UE) 231/2014 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006[27].

---

[26] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82)

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 5).

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkun involut bis-sħiħ fil-fażijiet tat-tfassil, tal-programmazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-istrumenti sabiex jiżgura kontroll politiku u skrutinju demokratiku u obbligu ta' rendikont tal-finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna. Jenħtieġ li jiġi stabbilit djalogu msaħħaħ bejn l-istituzzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew ikun f'pożizzjoni li jeżerċita kontroll politiku waqt l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod sistematiku u bla xkiel sabiex b'hekk jissaħħu kemm l-effiċjenza kif ukoll il-leġittimità.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "Prinċipju tas-sehem ġust tal-assistenza" tfisser li l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni jkun kkomplementat b'mekkaniżmu korrettiv ta' allokazzjoni, fil-każijiet li fihom l-assistenza mogħtija lill-benefiċjarji nkella tkun sproporzjonatament baxxa jew għolja meta mqabbla mal-benefiċjarji l-oħra, fid-dawl tal-bżonnijiet tal-popolazzjoni milquta u l-progress relattiv fir-riformi relatati mal-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni jew il-progress f'dawn tal-aħħar;

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-għan ġenerali tal-IPA III għandu jkun li jappoġġa l-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I*** fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn tali benefiċjarji biex jikkonformaw mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ***irwieħhom*** mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb ***tas-sħubija*** mal-Unjoni, biex b'hekk ***jikkontribwixi*** għall-istabbiltà, għas-sigurtà u għall-prosperità ***tagħhom***.	1. L-għan ġenerali tal-IPA III għandu jkun li jappoġġa l-benefiċjarji fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn tali benefiċjarji biex jikkonformaw mal-valuri ***u l-acquis*** tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ***ruħhom*** mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb ***tal-adeżjoni*** mal-Unjoni, biex b'hekk ***jikkontribwixxi għall-paċi,*** għall-istabbiltà, għas-sigurtà u għall-prosperità ***kif ukoll għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni***.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Li jsaħħaħ l-istat tad-dritt, id-demokrazija, ir-rispett ***għad-drittijiet*** tal-bniedem, għad-drittijiet fundamentali u ***għad-dritt*** internazzjonali, is-soċjetà ċivili ***u s-sigurtà***, ***kif ukoll li jtejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni***, ***inkluża l-ġestjoni tal-fruntieri***;	(a) Li jsaħħaħ l-istat tad-dritt, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ***inklużi dawk tal-minoranzi u t-tfal, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet*** fundamentali u ***d-dritt*** internazzjonali, is-soċjetà ċivili***, il-libertà akkademika***, ***il-paċi u s-sigurtà, ir-rispett għad-diversità kulturali***, ***in-nondiskriminazzjoni u t-tolleranza***;

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Li jindirizza l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari, filwaqt li jiżgura li l-migrazzjoni sseħħ b'mod sikur, ordnat u regolari, u jissalvagwardja l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali;

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Li jsaħħaħ ***l-effettività*** tal-amministrazzjoni pubblika ***u li*** jappoġġa ***r-riformi*** strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha;	(b) Li jsaħħaħ ***l-effikaċja*** tal-amministrazzjoni pubblika***,*** jappoġġa ***t-trasparenza, ir-riformi*** strutturali***, l-indipendenza ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni*** u l-governanza tajba fil-livelli kollha***, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, il-kompetizzjoni, l-investiment barrani u l-proprjetà intellettwali***;

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Li jsawwar ir-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I biex jiġu pariġġ dawk tal-Unjoni***, ***u biex isaħħaħ*** ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, kif ukoll ***il-kuntatti*** bejn il-persuni u l-komunikazzjoni;	(c) Li jsawwar ir-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-benefiċjarji ***f'allinjament ma' dawk tal-Unjoni, inkluż dwar il-PESK*** , ***isaħħaħ l-ordni internazzjonali multilaterali bbażat fuq ir-regoli u jsaħħaħ*** ir-rikonċiljazzjoni ***interna u esterna*** u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, kif ukoll ***il-bini tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti, inkluż permezz tal-bini tal-fiduċja u l-medjazzjoni, edukazzjoni inklużiva u integrata fil-kuntatti*** bejn il-persuni***, il-libertà tal-midja*** u l-komunikazzjoni;

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Li jsaħħaħ l-iżvilupp ***ekonomiku u*** soċjali inkluż permezz ta' ***iktar*** konnettività u żvilupp reġjonali, ***ta'*** politiki ***ta' agrikoltura*** u ***żvilupp*** rurali***, ta'*** politiki soċjali u tal-impjiegi, ***li jsaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent***, ***li jżid ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima***, ***li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju*** u ***li jiżviluppa l-ekonomija*** u ***s-soċjetà diġitali.***	(d) Li jsaħħaħ l-iżvilupp ***u l-koeżjoni ekonomika,*** soċjali ***u territorjali,*** inkluż permezz ta' ***iktar*** konnettività u żvilupp reġjonali, politiki ***agrikoli*** u ***tal-iżvilupp*** rurali ***u*** politiki soċjali u tal-impjiegi, ***it-tnaqqis tal-faqar u tal-iżbilanċi reġjonali***, ***il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali billi jissaħħu l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali fil-livell tal-istat***, ***l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), il-kapaċitajiet ta' inizjattivi bbażati fil-komunità, l-appoġġ għall-investiment f'żoni rurali*** u ***t-titjib tal-klima tan-negozju*** u ***tal-investiment ;***

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Li jsaħħaħ il-protezzjoni ambjentali, iżid ir-resiljenza għat-tibdil fil-klima, jaċċellera l-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u jiżviluppa l-ekonomija u s-soċjetà diġitali, b'hekk joħloq opportunitajiet ta' impjiegi, partikolarment għaż-żgħażagħ;

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Li jappoġġa l-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera.	(e) Li jappoġġa l-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera***, inkluż tul il-fruntieri marittimi u li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi billi jiġu implimentati bis-shiħ il-ftehimiet eżistenti mal-Unjoni, filwaqt li jitnaqqsu l-iżbilanċi reġjonali***.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-IPA III għall-perjodu 2021 – 2027 għandu jkun ta' ***EUR 14 500 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-IPA III għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' ***EUR 13 009 976 000 fi prezzijiet tal-2018 (EUR 14 663 401 000*** fi prezzijiet kurrenti***)***.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-ammont*** imsemmi fil-paragrafu 1 ***jista'*** jintuża għall-assistenza teknika u ***amministrativa għall-implimentazzjoni*** tal-Programm, ***bħall-attivitajiet*** ta' tħejjija***,*** ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi, u kwalunkwe attività relatata mat-tħejjija tal-programm suċċessur għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni***, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-[Regolament NDICI]***.	2. ***Perċentwali stabbilit tal-ammont*** imsemmi fil-paragrafu 1 ***għandu*** jintuża għall-assistenza teknika u ***amministrattiva għall-eżekuzzjoni*** tal-Programm, ***li għandu jinkludi attivitajiet*** ta' tħejjija ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni***, appoġġ għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva*** inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi, u kwalunkwe attività relatata mat-tħejjija tal-programm suċċessur għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fl-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, għandu jkun żgurat li jkun hemm il-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma' politiki u programmi rilevanti tal-Unjoni oħrajn, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.	1. ***Fl-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, għandu jkun żgurat li jkun hemm il-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma' politiki u programmi rilevanti tal-Unjoni oħrajn, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. [Ir-Regolament NDICI] għandu japplika għal-attivitajiet ***implimentati*** taħt dan ir-Regolament fejn imsemmi f'dan ir-Regolament.	2. [Ir-Regolament NDICI] għandu japplika għal-attivitajiet ***eżegwiti*** taħt dan ir-Regolament fejn imsemmi f'dan ir-Regolament.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza taħt l-IPA III tista' tingħata lit-tip ta' azzjonijiet previsti fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u fil-Fond ta' Koeżjoni[30], fil-Fond Soċjali Ewropew Plus[31] ***u*** fil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali[32].	4. L-assistenza taħt l-IPA III tista' tingħata lit-tip ta' azzjonijiet previsti fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u fil-Fond ta' Koeżjoni[30], fil-Fond Soċjali Ewropew Plus[31], fil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali[32] ***u l-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri, fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-kuntest transfruntier, transnazzjonali, interreġjonali jew makroreġjonali***.
[30] COM(2018) 372 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.	[30] COM(2018) 372 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.
[31] COM(2018) 382 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).	[31] COM(2018) 382 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).
[32] COM(2018) 392 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	[32] COM(2018) 392 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha talloka perċentwal tar-riżorsi tal-IPA III biex

	tħejji lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għall-parteċipazzjoni fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), b'mod partikolari fil-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-[FEŻR][32] għandu jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri stabbiliti għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I u l-Istati Membri***. Dawn il-programmi u l-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16. L-ammont tal-kontribuzzjoni mill-IPA-KTF għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 10 (3) tar-[Regolament KTE]. Il-Programmi IPA-Kooperazzjoni Transfruntiera għandhom jiġu mmaniġjati f'konformità mar-[Regolament KTE].	5. Il-[FEŻR][32] għandu jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri stabbiliti għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji ***u Stat Membru wieħed jew aktar***. Dawn il-programmi u l-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16. L-ammont tal-kontribuzzjoni mill-IPA-KTF għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 10(3) tar-[Regolament KTE]***, b'livell limitu massimu ffissat għal 85 % għall-kontribuzzjoni mill-IPA III***. Il-Programmi IPA-Kooperazzjoni Transfruntiera għandhom jiġu mmaniġjati f'konformità mar-[Regolament KTE].
[32] COM(2018) 372 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.	[32] COM(2018) 372 final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. F'ċirkostanzi debitament iġġustifikati u sabiex tiżgura l-koerenza u ***l-effettività*** tal-finanzjament tal-Unjoni u biex trawwem il-kooperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà tal-programmi u l-miżuri ta'	8. F'ċirkostanzi debitament iġġustifikati u sabiex tiżgura l-koerenza u ***l-effikaċja*** tal-finanzjament tal-Unjoni u biex trawwem il-kooperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà tal-programmi u l-miżuri ta'

azzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) għal pajjiżi, territorji u reġjuni minbarra dawk imsemmija fl-Anness I, fejn il-programm jew il-miżura li għandha tiġi ***implimentata*** hija ta' natura dinjija, reġjonali jew transfruntiera.

azzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) għal pajjiżi, territorji u reġjuni minbarra dawk imsemmija fl-Anness I, fejn il-programm jew il-miżura li għandha tiġi ***applikata*** hija ta' natura dinjija, reġjonali jew transfruntiera.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-qafas tal-politika tat-tkabbir iddefinit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, il-ftehimiet li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti mal-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I***, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jew il-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rilevanti, għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ***kumplessiv għall-implimentazzjoni*** ta' dan ir-regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-qafas ta' politika tat-tkabbir u tal-assistenza.	1. Il-qafas tal-politika tat-tkabbir iddefinit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, il-ftehimiet li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti mal-benefiċjarji, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jew il-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rilevanti, għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ***komprensiv għall-applikazzjoni*** ta' dan ir-regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-qafas ***ġenerali*** ta' politika tat-tkabbir u tal-assistenza. ***Il-VP/ir-RGħ u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw koordinazzjoni bejn l-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika tat-tkabbir fi ħdan il-qafas tal-objettivi tal-politika stabbiliti fl-Artikolu 3.*** ***Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-programmazzjoni skont dan ir-Regolament b'involviment xieraq tas-SEAE.*** ***Il-qafas tal-politika tat-tkabbir għandu jkun il-bażi li fuqha tingħata l-assistenza.***

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-programmi u l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent u l-ugwaljanza bejn is-sessi u, fejn applikabbli, għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli[33], għall-promozzjoni ta' azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu benefiċċji kollaterali u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti.	2. Il-programmi u l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent***, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitt dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni, u l-ispustar furzat, is-sigurtà, il-koeżjoni soċjali u reġjonali, it-tnaqqis tal-faqar*** u l-ugwaljanza bejn is-sessi u, fejn applikabbli, għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli[33], għall-promozzjoni ta' azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu benefiċċji kollaterali u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti. ***Għandhom jimmiraw li jikkontribwixxu 16 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv favur objettivi klimatiċi.***
[33] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/sustainable-development-goals_en	[33] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/sustainable-development-goals_en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw il-koerenza u għandhom ***jagħmlu ħilithom biex*** jevitaw id-duplikazzjoni bejn l-assistenza mogħtija taħt l-IPA III u assistenza oħra mogħtija mill-Unjoni, mill-Istati Membri u mill-Bank Ewropew tal-Investiment, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operazzjonali fil-qasam tal-assistenza esterna, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri, b'mod partikolari l-prinċipji internazzjonali dwar ***l-effettività***	3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw il-koerenza u għandhom jevitaw id-duplikazzjoni bejn l-assistenza mogħtija taħt l-IPA III u assistenza oħra mogħtija mill-Unjoni, mill-Istati Membri u mill-Bank Ewropew tal-Investiment, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operazzjonali fil-qasam tal-assistenza esterna, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri, b'mod partikolari l-prinċipji internazzjonali dwar ***l-effikaċja*** tal-iżvilupp[35]. Il-

tal-iżvilupp[35]. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi ***konsulazzjonijiet*** regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza u laqgħat inklużivi mmirati għall-koordinazzjoni tal-assistenza, u għandha tikkostitwixxi pass ewlieni fil-proċessi ta' programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

koordinazzjoni għandha tinvolvi ***konsultazzjonijiet*** regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza u laqgħat inklużivi mmirati għall-koordinazzjoni tal-assistenza, u għandha tikkostitwixxi pass ewlieni fil-proċessi ta' programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. ***L-assistenza għandu jkollha l-għan li tiżgura l-allinjament mal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-fondi, arranġamenti għall-prinċipju ta' sħubija u approċċ integrat għal żvilupp territorjali.***

35 https://ec.europa.eu/europeaid/policies/eu-approach-aid-effectiveness_en

35 https://ec.europa.eu/europeaid/policies/eu-approach-aid-effectiveness_en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha taġixxi fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinkludi, kif xieraq, awtoritajiet nazzjonali u lokali kompetenti, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li tippermettilhom li jkollhom rwol sinifikanti matul il-fażijiet tat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ.
	Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-assistenza tal-IPA III ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż, kif xieraq, bħala benefiċjarji diretti tal-assistenza;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Kapitolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
IMPLIMENTAZZJONI	***QAFAS TA' PROGRAMMAZZJONI U EŻEKUZZJONI***

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-assistenza bl-IPA III għandha tkun ibbażata fuq il-qafas*** ta' programmazzjoni tal-IPA ***għall-implimentazzjoni tal-objettivi*** speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni ***għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni***.	1. ***Dan ir-Regolament għandu jkun supplimentat minn qafas*** ta' programmazzjoni tal-IPA ***li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ulterjuri dwar il-mod li bih jinkisbu l-objettivi*** speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni ***permezz ta' atti delegati, f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew id-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti f'ħin utli qabel ma jibda l-perjodu ta' programmazzjoni. Dawk id-dokumenti għandhom jistabbilixxu l-allokazzjonijiet indikattivi previsti għal kull settur tematiku u, meta disponibbli, għal kull pajjiż/reġjun, u jkopru r-riżultati mistennija u l-għażla tal-arranġamenti ta' assistenza.***

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jawtorizzaw l-approprjazzjonijiet annwali fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2021 sal-2027.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jqis l-istrateġiji nazzjonali u l-politiki tas-settur rilevanti.	Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jqis ***ir-riżoluzzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u*** l-istrateġiji nazzjonali u l-politiki tas-settur rilevanti.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu ***4***, il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu ***jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz*** ta' ***att*** ta' ***implimentazzjoni***. ***Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami tal-Kumitat imsemmija fl-Artikolu 16.***	3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu ***4 ta' dan l-Artikolu***, ***il-Kummissjoni għandha tadotta l-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA, inklużi l-arranġamenti għall-attwazzjoni tal-prinċipju tas-"sehem ġust", permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2025 l-aktar tard. Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta qafas ta' programmazzjoni tal-IPA ġdid, ibbażat fuq l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li tkun konsistenti ma' strumenti finanzjarji esterni oħra u tqis ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrieżamina, meta meħtieġ, l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA, b'mod partikolari meta jkun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 6 b'kont meħud tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew.***

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu ***jinkludi*** indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress fir-rigward tal-ilħuq ***tal-miri*** stabbiliti fih***.***	5. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu ***jkun ibbażat fuq*** indikaturi ***tal-prestazzjoni ċari u verifikabbli stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament*** għall-valutazzjoni tal-progress fir-rigward tal-ilħuq ***tal-objettivi*** stabbiliti fih***, inter alia, il-progress u r-riżultati fl-oqsma ta':*** ***(a) id-demokrazija, l-istat tad-dritt u sistema ġudizzjarja indipendenti u effiċjenti;*** ***(b) id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u gruppi vulnerabbli;*** ***(c) l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tat-tfal;*** ***(d) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;*** ***(e) ir-rikonċiljazzjoni, il-bini tal-paċi, relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien;*** ***(f) u l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni.*** ***Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-progress imqabbel ma' dawk l-indikaturi fir-rapporti annwali tagħha.*** ***L-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għal skambju regolari ta' fehmiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill.***

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Evalwazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta qafas ta' programmazzjoni ġdid tal-IPA bbażat fuq l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu. Mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 u għandu jeżamina l-kontribut tal-Unjoni għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, permezz ta' indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba u kwalunkwe sejba u konklużjoni dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament.
	2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jindirizza wkoll l-effiċjenza, il-valur miżjud, il-lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna, u r-rilevanza kontinwa tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.
	3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jsir bil-għan speċifiku li titjieb l-applikazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni. Huwa għandu jinforma d-deċiżjonijiet dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tat-tipi ta' azzjonijiet implimentati skont ir-Regolament.
	4. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jinkludi ukoll informazzjoni konsolidata minn rapporti annwali rilevanti dwar il-finanzjament kollu regolat minn dan ir-Regolament, inkluż id-dħul u l-kontribuzzjonijiet assenjati esterni lill-fondi fiduċjarji u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq mill-pajjiż benefiċjarju, l-użu tal-istrumenti

finanzjarji, l-impenji u l-pagamenti.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-kummenti tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Ir-riżultati għandhom jintużaw fit-tfassil tal-programmi u fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

6. Il-Kummissjoni għandha tassoċja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni previst f'dan ir-Regolament, u tista', meta xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u s-sħab fl-iżvilupp bl-involviment mill-qrib tal-pajjiżi sħab.

7. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmi f'dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma', jekk ikun xieraq, proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu emendi meħtieġa għal dan ir-Regolament.

8. Fi tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tar-Regolament fuq l-istess termini bħall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija f'dan l-Artikolu.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7b
	Sospensjoni tal-assistenza tal-Unjoni
	1. Meta benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipju tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jew imur kontra l-impenji li ħa fl-ambitu tal-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni jew b'mod

konsistenti ma josservax wieħed jew aktar mill-kriterji ta' Copenhagen, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 14, li tadotta att delegat sabiex temenda l-Anness I ta' dan ir-Regolament biex tissospendi jew parzjalment tissospendi, l-assistenza tal-Unjoni. Fl-eventwalità ta' sospensjoni parzjali, il-programmi li għalihom tapplika s-sospensjoni għandhom ikunu indikati.

2. Meta l-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li r-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-assistenza ma għadhomx japplikaw, għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 14, sabiex temenda l-Anness I biex terġa' tintroduċi l-assistenza tal-Unjoni.

3. Fil-każ ta' sospensjoni parzjali, l-assistenza tal-Unjoni għandha tintuża primarjament biex tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi mhux statali fir-rigward ta' miżuri maħsuba biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jappoġġaw il-proċessi ta' demokratizzazzjoni u ta' djalogu fil-pajjiżi sħab.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7c
	Governanza
	Grupp ta' tmexxija orizzontali magħmul mis-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni u tas-SEAE u ppresedut mill-VP/RGħ jew rappreżentant ta' dak l-uffiċċju għandu jkun responsabbli għat-tmexxija, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni ta' dan l-istrument matul iċ-ċiklu tal-ġestjoni sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-

	responsabbiltà tal-finanzjament estern kollu tal-Unjoni. Il-Viċi President/Rappreżentant Għoli għandha tiżgura koordinazzjoni politika ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Matul iċ-ċiklu sħiħ ta' programmazzjoni, ippjanar u implementazzjoni tal-istrument, il-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli u s-SEAE għandhom jaħdmu mal-membri u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni. Il-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli, is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom iħejju l-proposti kollha għal deċiżjonijiet skont il-proċeduri tal-Kummissjoni u għandhom jippreżentawhom għall-adozzjoni.
	Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut bis-sħiħ fil-fażijiet tat-tfassil, tal-programmazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji esterni sabiex jiżgura kontroll politiku u skrutinju demokratiku u obbligu ta' rendikont tal-finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri u metodi ta' ***implimentazzjoni***	Miżuri u metodi ta' ***eżekuzzjoni***

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-assistenza taħt l-IPA III għandha tiġi ***implimentata*** f'ġestjoni diretta jew f'ġestjoni indiretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju permezz ta' pjanijiet u miżuri ta' azzjoni pluriennali kif imsemmi ***fil-Kapitolu III tat-Titolu II tar-[Regolament NDICI]. Il-Kapitolu III tat-Titolu II tar-[Regolament NDICI] għandu***	1. L-assistenza taħt l-IPA III għandha tiġi ***eżegwita*** f'ġestjoni diretta jew f'ġestjoni indiretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju permezz ta' pjanijiet u miżuri ta' azzjoni pluriennali kif imsemmi ***fil-Kapitolu IIIa***.

japplika għal dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 24 [persuni u entitajiet eliġibbli].

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ġestjoni indiretta tista' titreġġa' lura jekk il-benefiċjarju ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jamministra l-fondi mogħtija skont ir-regoli, il-prinċipji u l-objettivi stabbiliti skont Fil-każ li benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipju tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jew fil-każ li jikser l-impenji meħuda fl-ambitu tal-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', f'oqsma ta' politika jew fi programmi speċifiċi, tibdel mill-ġestjoni indiretta ma' dak il-benefiċjarju għal ġestjoni indiretta ma' entità jew entitajiet fdati għajr benefiċjarju jew ġestjoni diretta.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Kummissjoni għandu jkollha djalogu mal-Parlament Ewropew, u tqis il-fehmiet tal-Parlament Ewropew dwar oqsma li fihom dan tal-aħħar qed imexxi l-programmi ta' assistenza tiegħu stess, bħat-tishiħ tal-kapaċitajiet u l-osservazzjoni elettorali.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew kompletament involut fi kwistjonijiet relatati mal-ippjanjar u mal-implimentazzjoni tal-miżuri pertinenti għal dan l-Artikolu, inkluża kwalunkwe bidla sostanzjali jew allokazzjoni prevista.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-iżborż tal-appoġġ baġitarju ġenerali jew settorjali għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li jsir progress sodisfaċenti biex jinkisbu l-objettivi miftiehma mal-benefiċjarju.
	Il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-kundizzjonalità tal-appoġġ baġitarju stabbiliti fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) .../.... [ir-Regolament NDICI]. Għandha tieħu azzjoni biex tnaqqas jew tissospendi l-finanzjament tal-Unjoni permezz tal-appoġġ baġitarju fil-każijiet ta' irregolaritajiet sistemiċi fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jew ta' progress insodisfaċenti biex jinkisbu l-objettivi miftiehma mal-benefiċjarju.
	Ir-reintroduzzjoni tal-assistenza wara s-sospensjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tkun akkumpanjata minn assistenza mmirata lill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Kapitolu IIIa (ġdid) – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kapitolu IIIa
	Eżekuzzjoni

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Pjanijiet ta' azzjoni u miżuri
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni jew miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali, miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-objettivi mixtieqa, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet ewlenin, il-metodi ta' implimentazzjoni, il-baġit u n-nefqiet kollha ta' appoġġ relatati.
	2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4.
	Fejn ikun meħtieġ, azzjoni tista' tiġi adottata bħala miżura individwali qabel jew wara l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-miżuri individwali għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u f'każijiet oħra debitament ġustifikati.
	Fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti, u meta ma jkunx possibbli finanzjament minn sorsi aktar xierqa, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 tar-Regolament ...[ir-Regolament NDICI] li jistipulaw miżuri speċjali mhux ibbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni.

	3. Pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri individwali jistgħu jintużaw biex jiġu eżegwiti azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fl-Artikolu 4(4)(b) tar-Regolament... [ir-Regolament NDICI].
	4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' assistenza eċċezzjonali għal azzjonijiet ta' rispons rapidu kif imsemmi fl-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament... [ir-Regolament NDICI].
	5. Miżuri meħuda skont l-Artikolu 19(3) u (4) jistgħu jibqgħu validi sa 18-il xahar, u jistgħu jiġu estiżi darbtejn b'perjodu ieħor li ma jaqbiżx is-sitt xhur, sa żmien massimu ta' 30 xahar, fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux mistennija għall-eżekuzzjoni, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ammont finanzjarju tal-miżura.
	F'każijiet ta' kriżijiet u konflitti mtawla, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' assistenza eċċezzjonali b'perjodu ta' żmien ta' mhux aktar minn 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati, meta l-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni skont dan il-paragrafu tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurata b'mezzi oħra, ikunu jistgħu jiġu adottati aktar miżuri.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Miżuri ta' appoġġ
	1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jkopri n-nefqa li tappoġġa l-eżekuzzjoni tal-Istrument u għall-kisba tal-objettivi tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditjar u

evalwazzjoni meħtieġa għal dik l-eżekuzzjoni, kif ukoll in-nefqa fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-programm, u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

2. Meta n-nefqa ta' appoġġ ma tkunx inkluża fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fil-miżuri msemmija fl-Artikolu 8c, il-Kummissjoni għandha tadotta, fejn xieraq, miżuri ta' appoġġ. Il-finanzjament tal-Unjoni taħt il-miżuri ta' appoġġ jista' jkopri:

(a) studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aqwa prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' assistenza teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-azzjonijiet, inklużi esperti esterni remunerati;

(b) attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u studji dwar kwistjonijiet rilevanti u d-disseminazzjoni tagħhom;

(c) infiq relatat mal-provvediment ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni u l-viżibbiltà korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8c
	Adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri permezz ta'

deċiżjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Kummissjoni għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew għall-ippjanar u l-applikazzjoni sussegwenti ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u miżuri, fl-interessi tal-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-Parlament Ewropew dwar l-ippjanar ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri skont dan l-Artikolu, inklużi l-ammonti finanzjarji previsti, u għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew meta tagħmel bidliet jew estensjonijiet sostanzjali għal dik l-assistenza. Kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni jew miżura, u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tagħti ħarsa ġenerali lejn in-natura, il-kuntest u r-raġunament tal-pjan ta' azzjoni jew miżura adottata, inkluż kif jikkomplementaw ir-rispons li jkun għaddej u dak ippjanat tal-Unjoni.

3. Qabel ma tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri mhux ibbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni skont l-Artikolu 7, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 14 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-għanijiet speċifiċi li għandhom jiġu segwiti, ir-riżultati mistennija, l-istrumenti li għandhom jintużaw, l-attivitajiet ewlenin u l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u miżuri.

4. Għandu jsir skrutinju tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali xieraq, fil-livell tal-azzjonijiet, inkluż għall-impatti fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva 2011/92/UE[1a] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE[1b], li jinkludi, fejn

applikabbli, valutazzjoni tal-impatt ambjentali għal azzjonijiet ta' sensittività ambjentali, b'mod partikolari għal infrastruttura maġġuri ġdida.

Fejn ikun rilevanti, fl-eżekuzzjoni ta' programmi settorjali għandhom jintużaw valutazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali strateġiċi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-involviment tal-partijiet ikkonċernati f'dawn il-valutazzjonijiet u fl-aċċess pubbliku għar-riżultati ta' tali valutazzjonijiet.

[1a] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni) (ĠU L 26 28.1.2012, p. 1).

[1b] Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 5.07.1985, p. 40).

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 8d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8d
	Metodi ta' kooperazzjoni
	1. Il-finanzjament taħt dan l-Istrument għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni, kif previst mir-Regolament Finanzjarju, jew direttament mill-Kummissjoni stess, mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni u minn aġenziji eżekuttivi jew indirettament permezz ta' xi waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju.
	2. Il-finanzjament taħt dan l-Istrument jista' jiġi pprovdut ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi

internazzjonali, reġjonali jew nazzjonali, bħal dawk stabbiliti jew ġestiti mill-BEI, mill-Istati Membri, mill-pajjiżi u r-reġjuni sħab jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, jew donaturi oħra.

3. L-entitajiet elenkati fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju u fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament ...[ir-Regolament NDICI] għandhom jissodisfaw annwalment l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont l-Artikolu 155 tar-Regolament Finanzjarju. Ir-rekwiżiti ta' rapportar għal kull waħda minn dawk l-entitajiet huma stabbiliti fil-ftehim qafas ta' sħubija, fil-ftehim ta' kontribuzzjoni, fil-ftehim dwar il-garanziji baġitarji jew fil-ftehim ta' finanzjament.

4. L-azzjonijiet iffinanzjati permezz ta' dan l-Istrumenti jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kofinanzjament parallel jew konġunt.

5. Fil-każ ta' kofinanzjament parallel, azzjoni tinqasam f'numru ta' komponenti identifikabbli b'mod ċar li kull wieħed minnhom huwa ffinanzjat minn sħab differenti li jipprovdu kofinanzjament b'tali mod li l-użu aħħari tal-finanzjament jista' dejjem jiġi identifikat.

6. Fil-każ ta' kofinanzjament konġunt, l-ispiża totali ta' azzjoni għandha tinqasam bejn is-sħab li jipprovdu l-kofinanzjament filwaqt li r-riżorsi għandhom jiġu akkomunati b'mod li ma jibqax aktar possibbli li jkun identifikat is-sors ta' finanzjament ta' kwalunkwe attività speċifika mwettqa bħala parti mill-azzjoni.

7. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha tista' tieħu l-forma, fost affarijiet oħra, ta':

(a) arranġamenti triangolari li permezz tagħhom l-Unjoni tikkoordina ma' pajjiżi terzi l-finanzjament tal-assistenza tagħha lil pajjiż jew reġjun sieħeb;

(b) miżuri ta' kooperazzjoni amministrattivi bħal ġemellaġġ bejn

istituzzjonijiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, korpi pubbliċi nazzjonali jew entitajiet tad-dritt privat responsabbli għal kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż jew reġjun sieħeb, kif ukoll miżuri ta' kooperazzjoni li jinvolvu esperti tas-settur pubbliku mibgħuta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom;

(c) kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż meħtieġa għall-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' sħubija pubblika-privata inkluż appoġġ ta' parteċipazzjoni wiesgħa bit-twaqqif ta' korp indipendenti ta' organizzazzjonijiet indipendenti ta' partijiet terzi CSO biex jivvalutaw u jimmonitorjaw strutturi ta' sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat;

(d) programmi ta' appoġġ għall-politika tas-settur li permezz tagħhom l-Unjoni tipprovdi appoġġ għall-programm tas-settur ta' pajjiż sieħeb;

(e) kontribuzzjonijiet għall-kost tal-parteċipazzjoni f'programmi u azzjonijiet tal-Unjoni implimentati minn aġenziji u korpi tal-Unjoni, kif ukoll korpi jew persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

(f) sussidji tar-rati tal-imgħax.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 8e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8e
	Forom ta' finanzjament mill-Unjoni u metodi ta' applikazzjoni
	1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jiġi pprovdut permezz tat-tipi ta' finanzjament previsti mir-Regolament Finanzjarju, u

b'mod partikolari:

(a) sussidji;

(b) kuntratti pubbliċi għal servizzi, provvisti jew xogħlijiet;

(c) appoġġ baġitarju;

(d) kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju;

(e) strumenti finanzjarji;

(f) garanziji baġitarji;

(g) finanzjamenti mħallta;

(h) ħelsien mid-dejn fil-kuntest ta' programm miftiehem internazzjonalment dwar il-ħelsien mid-dejn;

(i) assistenza finanzjarja;

(j) esperti esterni mħallsa.

2. Fil-ħidma mal-partijiet ikkonċernati tal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ispeċifiċitajiet tagħhom, inklużi l-ħtiġijiet tagħhom u l-kuntest rilevanti, meta tiddefinixxi l-modalitajiet ta' finanzjament, it-tip ta' kontribuzzjoni, il-modalitajiet tal-għotja u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-ġestjoni tal-għotjiet, bil-ħsieb li jinkiseb u li jingħata l-aħjar rispons għall-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' tali partijiet ikkonċernati. Dik il-valutazzjoni għandha tqis il-kundizzjonijiet għal parteċipazzjoni u involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari tas-soċjetà ċivili lokali. Għandhom jiġu inkoraġġiti modalitajiet speċifiċi skont ir-Regolament Finanzjarju, bħal ftehimiet ta' sħubija, awtorizzazzjonijiet ta' appoġġ finanzjarju lil terzi persuni, għoti dirett jew sejħiet għall-proposti ristretti għall-eliġibbiltà, jew somom f'daqqa, kostijiet unitarji u finanzjament b'rata fissa kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju. Dawk il-modalitajiet differenti għandhom jiżguraw trasparenza, traċċabbiltà u innovazzjoni.

Il-kooperazzjoni bejn l-NGOs lokali u internazzjonali għandha tiġi mħeġġa sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili lokali bil-għan li tinkiseb il-parteċipazzjoni sħiħa tagħha fil-programmi ta' żvilupp.

3. Minbarra l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju, il-proċedura ta' għoti dirett tista' tintuża għal;

(a) għotjiet ta' valur baxx lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lil mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju, biex jiffinanzjaw azzjonijiet ta' protezzjoni urġenti, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, kif ukoll għall-medjaturi u atturi oħra tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat mal-kriżi u l-kunflitti armati, fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, fir-rikonċiljazzjoni u fil-bini tal-paċi;

(b) għotjiet, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, biex jiffinanzjaw azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn il-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti ma tkunx xierqa inklużi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, theddid għal istituzzjonijiet demokratiċi, eskalazzjoni ta' kriżi, kunflitt armat fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f'riskju jew fejn l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-difensuri, il-medjaturi u atturi oħra tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u kunflitt armat, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-paċi joperaw taħt l-aktar kundizzjonijiet diffiċli. Għotjiet bħal dawn ma għandhomx jaqbżu l-EUR 1 000 000 u għandu jkollhom tul ta' żmien ta' mhux aktar minn 18-il xahar, li jista' jiġi estiż bi 12-il xahar ieħor fl-eventwalità ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti għall-applikazzjoni tagħhom;

(c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Global Campus, liċ-Ċentru Interuniversitarju

Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-netwerk assoċjat tiegħu ta' universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi boroż ta' studju lil studenti, riċerkaturi, għalliema u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi.

(d) Proġetti żgħar kif deskritti fl-Artikolu 23a tar-Regolament... [ir-Regolament NDICI].

L-appoġġ baġitarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni ta' riforma tas-setturi, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, dover ta' rendikont reċiproku u impenji kondiviżi għall-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem u l-istat tad-dritt u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Għandha tinkludi djalogu msaħħaħ ta' politika, żvilupp tal-kapaċità, u governanza mtejba, li jikkumplimentaw l-isforzi tas-sħab biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar sabiex jappoġġaw żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u inklużiv li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-eliminazzjoni tal-faqar b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ekonomiji lokali, id-drittijiet ambjentali u soċjali.

Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju maqbula mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji. Wieħed mill-fatturi determinanti prinċipali ta' dik id-deċiżjoni għandu jkun valutazzjoni tal-impenn, ir-rekord u l-progress tal-pajjiżi sħab fir-rigward tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

4. L-appoġġ baġitarju għandu jiġi differenzjat b'mod li jwieġeb aħjar għall-kuntest politiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiż sieħeb, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet ta' fraġilità.

Meta tipprovdi appoġġ baġitarju f'konformità mal-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u tissorvelja l-kriterji għall-kundizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet ta' awditjar nazzjonali, il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi ta' akkwist pubbliku b'saħħithom li jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku lokali u n-negozji lokali.

5. L-iżborż tal-appoġġ baġitarju għandu jkun ibbażat fuq indikaturi li juru li jkun qiegħed isir progress sodisfaċenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet miftehma mal-pajjiż sieħeb.

6. L-istrumenti finanzjarji skont dan ir-Regolament jistgħu jieħdu forom, bħal self, garanziji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti jew parteċipazzjonijiet, u strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskji, kull meta jkun possibbli u skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 209(1) tar-Regolament Finanzjarju taħt it-tmexxija tal-BEI, istituzzjoni finanzjarja Ewropea multilaterali, bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jew istituzzjoni finanzjarja Ewropea bilaterali, bħal banek bilaterali tal-iżvilupp, possibbilment magħquda ma' forom addizzjonali oħra ta' appoġġ finanzjarju, kemm mill-Istati Membri kif ukoll minn partijiet terzi.

Il-kontribuzzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru mill-Istati Membri kif ukoll minn kwalunkwe entità msemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-

Regolament Finanzjarju.

7. Dawk l-istrumenti finanzjarji jistgħu jingħabru f'faċilitajiet għall-għanijiet tal-applikazzjoni u tar-rappurtar.

8. Il-Kummissjoni u s-SEAE ma għandhomx jidħlu f'operazzjonijiet ġodda jew imġedda ma' entitajiet inkorporati jew stabbiliti f'ġurisdizzjonijiet definiti taħt il-politika rilevanti tal-Unjoni bħala li ma jikkooperawx, jew li huma identifikati bħala pajjiżi terzi b'riskju kbir skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew li mhumiex effettivament konformi mal-istandards fiskali tal-Unjoni jew dawk miftiehma internazzjonalment dwar it-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni.

9. Il-finanzjament mill-Unjoni ma għandux jiġġenera jew jattiva l-ġbir ta' taxxi, dazji jew imposti speċifiċi.

10. It-taxxi, dazji u imposti debitati mill-pajjiżi sħab, jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament skont dan ir-Regolament.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 8f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8f
	Riporti, pagamenti akkont annwali, approprjazzjonijiet ta' impenn u dħul iġġenerat minn strumenti finanzjarji
	1. Minbarra l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li ma jintużawx skont dan ir-Regolament għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jiġu impenjati sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja ta' wara. L-ammont differit għandu jintuża bħala prijorità matul is-sena

finanzjarja sussegwenti.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni dwar l-approprjazzjonijiet li ġew riportati awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Minn barra r-regoli stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju dwar il-fatt li l-approprjazzjonijiet jerġgħu isiru disponibbli, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji magħmula b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' azzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jerġgħu jsiru disponibbli għall-benefiċċju tal-linja baġitarja tal-oriġini.

Referenzi għall-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għandha tinftiehem bħala li tinkludi referenza għal dan il-paragrafu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

3. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali, f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju ma japplikax għal tali azzjonijiet pluriennali. Il-Kummissjoni għandha awtomatikament tiddiżimpenja kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal azzjoni li sal-31 ta' Diċembru tal-ħames sena wara dik tal-impenn baġitarju, ma jkunx intuża għall-fini ta' prefinanzjament jew biex isiru pagamenti interim jew li għalih ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa jew xi talba għall-pagament.

Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-pagamenti annwali.

	4. B'deroga mill-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-ripagamenti u d-dħul iġġenerati minn strument finanzjarju għandhom jiġu assenjati lil-linja baġitarja tal-oriġini bħala dħul assenjat intern wara li jitnaqqsu l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kontribut li jkun sar biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni, kif ukoll l-effikaċja, tal-istrumenti finanzjarji eżistenti.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera ma jitkomplewx f'konformità mal-Artikolu 12 tar-[Regolament KTE], l-appoġġ minn dan ir-regolament għall-programm li ma jkunx tkompla li jkun għadu disponibbli jista' jintuża biex jiffinanzja kwalunkwe azzjoni eliġibbli oħra taħt dan ir-Regolament.	4. Meta programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera ma jitkomplewx f'konformità mal-Artikolu 12 tar-[Regolament KTE], l-appoġġ minn dan ir-regolament għall-programm li ma jkunx tkompla li jkun għadu disponibbli jista' jintuża biex jiffinanzja kwalunkwe azzjoni eliġibbli oħra taħt dan ir-Regolament. ***F'każ bħal dan, jekk ma jkun hemm l-ebda azzjoni eliġibbli x'tiġi ffinanzjata fis-sena kurrenti, l-approprjazzjonijiet jiġu riportati għas-sena ta' wara.***

Emenda 76

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
MONITORAĠĠ ***U*** EVALWAZZJONI	MONITORAĠĠ***, RAPPORTAR,*** EVALWAZZJONI ***U KOMUNIKAZZJONI***

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-indikaturi għall-monitoraġġ ***tal-implimentazzjoni*** u l-progress tal-IPA III lejn il-ksib tal-għanijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma mniżżlin fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.	2. L-indikaturi għall-monitoraġġ ***tal-eżekuzzjoni*** u l-progress tal-IPA III lejn il-ksib tal-għanijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma mniżżlin fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Flimkien mal-indikaturi msemmija fl-Anness IV, ir-rapporti dwar it-tkabbir għandhom jitqiesu fil-qafas tar-riżultati tal-assistenza tal-IPA III.	4. Flimkien mal-indikaturi msemmija fl-Anness IV, ir-rapporti dwar it-tkabbir ***u l-valutazzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika*** għandhom jitqiesu fil-qafas tar-riżultati tal-assistenza tal-IPA III.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tressaq u tippreżenta r-rapporti interim u finali ta' evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) .../.... [tar-Regolament NDICI] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk ir-rapporti.

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Flimkien mal-Artikolu 129 tar-	5. Flimkien mal-Artikolu 129 tar-

Regolament Finanzjarju dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni , taħt ġestjoni indiretta, il-benefiċjarji ***mniżżlin fl-Anness I*** għandhom jirrappurtaw l-irregolaritajiet inkluż il-frodi li kienu s-suġġett ta' riżultanza amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni u jżommu lil din tal-aħħar infurmata dwar il-progress tal-proċediment amministrattiv u legali. Ir-rapportar għandu jsir permezz ta' mezzi elettroniċi, bl-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet, stabbilita mill-Kummissjoni.	Regolament Finanzjarju dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, taħt ġestjoni indiretta, il-benefiċjarji għandhom jirrappurtaw l-irregolaritajiet inkluż il-frodi li kienu s-suġġett ta' riżultanza amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni u jżommu lil din tal-aħħar infurmata dwar il-progress tal-proċediment amministrattiv u legali. Ir-rapportar għandu jsir permezz ta' mezzi elettroniċi, bl-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet, stabbilita mill-Kummissjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-benefiċjarji fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' kontroll u awditjar parlamentari u żżid it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. Il-Kummissjoni, il-VP/ir-RGħ u, b'mod partikolari, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-benefiċjarji għandhom jiżguraw li l-allokazzjonijiet ta' finanzjament kollha f'reġim ta' ġestjoni indiretta jitwettqu b'mod trasparenti, depolitiċizzat u imparzjali, inkluża d-distribuzzjoni ekwa, li tirrifletti l-bżonnijiet tar-reġjuni u tal-muniċipalitajiet lokali.***

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu*** 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 7(3), 7a (ġdid),*** 13 ***u 15*** għandha tingħata lill-Kummissjoni.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Ir-responsabilità demokratika

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet u s-servizzi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u s-SEAE, titrawwem il-koerenza ġenerali tal-Istrumenti ta' Finanzjament Esterni kollha, u biex jiġu żgurati trasparenza u responsabbiltà akbar, kif ukoll l-espedjenza fl-adozzjoni ta' atti u miżuri mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jidhru quddiemu biex jiddiskutu l-orjentazzjonijiet u l-linji gwida strateġiċi għall-programmazzjoni skont dan ir-Regolament. Dak id-djalogu jista' jsir qabel l-adozzjoni ta' atti delegati u tal-abbozz tal-baġit annwali mill-Kummissjoni jew, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni jew tas-SEAE, fuq bażi ad hoc fid-dawl ta' żviluppi politiċi ewlenin.

2. Meta jkun ser isir djalogu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jippreżentaw lill-Parlament Ewropew id-dokumenti rilevanti kollha fir-rigward ta' dak id-djalogu. Meta d-djalogu ikun relatat mal-baġit annwali, informazzjoni kkonsolidata dwar il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri kollha adottati jew ippjanati f'konformità mal-Artikolu 8c, informazzjoni dwar il-kooperazzjoni għal kull pajjiż, reġjun u qasam tematiku, u l-użu ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu u l-Garanzija tal-Azzjoni Esterna.

3. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom iqisu bis-sħiħ il-pożizzjoni espressa mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li l-Kummissjoni jew is-SEAE ma jqisux il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, dawn għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni xierqa.

4. Il-Kummissjoni u s-SEAE, b'mod partikolari permezz tal-grupp ta' tmexxija skont l-Artikolu 7c, għandhom ikunu responsabbli biex iżommu lill-Parlament Ewropew infurmat dwar l-istat ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,

	b'mod partikolari dwar il-miżuri, l-azzjonijiet u r-riżultati li jkunu għaddejjin.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Adozzjoni ta' regoli ***ta' implimentazzjoni*** ulterjuri	Adozzjoni ta' regoli ulterjuri

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-regoli speċifiċi ***li jistabbilixxu kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment*** b'rabta mal-istrutturi li għandhom jitwaqqfu bi tħejjija għall-adeżjoni u għall-għajnuna għall-iżvilupp rurali, għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-proċedura*** ta' ***eżami msemmija fl-Artikolu 16***.	1. Ir-regoli speċifiċi b'rabta mal-istrutturi li għandhom jitwaqqfu bi tħejjija għall-adeżjoni u għall-għajnuna għall-iżvilupp rurali, għandhom jiġu adottati ***permezz*** ta' ***atti delegati***.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***.	2. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri permezz ta' deċiżjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju***.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat ("Il-Kumitat tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni"). Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-[Regolament (UE) Nru 182/2011].	
2. Fejn ikun meħtieġ li tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob hekk.	
3. Osservatur mill-BEI għandu jieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-BEI.	
4. Il-Kumitat tal-IPA III għandu jassisti lill-Kummissjoni u għandu jkun kompetenti wkoll għall-atti legali u l-impenji skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006, ir-Regolament 231/2014 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006.	
5. Il-Kumitat tal-IPA III ma għandux ikun kompetenti għall-kontribuzzjoni għal Erasmus+ kif speċifikat fl-Artikolu 5(3).	

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità	Informazzjoni, komunikazzjoni***, viżibbiltà*** u pubbliċità

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandhom japplikaw l-Artikoli 36 u 37 tar-[Regolament NDICI].***	1. ***Huma u jagħtu l-assistenza finanzjarja fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, il-VP/ir-RGħ u, b'mod partikolari, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-benefiċjarji għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw il-viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni, inkluż il-monitoraġġ tal-konformità tad-destinatarju ma' dawk ir-rekwiżiti. L-azzjonijiet iffinanzjati mill-IPA għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Manwal ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida għal kull benefiċjarju rigward il-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni dwar l-azzjonijiet ta' viżibbiltà u komunikazzjoni.***

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri biex issaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika u d-diplomazija pubblika biex tikkomunika l-valuri tal-Unjoni u tenfasizza l-valur miżjud tal-appoġġ tal-Unjoni.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini tal-finanzjament tal-Unjoni u jiżguraw il-viżibbiltà adegwata tagħha billi:
	(a) jipprovdu dikjarazzjoni li tenfasizza l-appoġġ li rċevew mill-Unjoni b'mod viżibbli fuq id-dokumenti u l-materjal ta' komunikazzjoni relatat mal-implimentazzjoni tal-fondi, anki f'sit web uffiċjali, fil-każ li tali sit web jeżisti; kif ukoll
	(b) jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u proporzjonata mmirata lil diversi tipi ta' udjenzi, inkluż il-midja u l-pubbliku.
	Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' dan ir-Regolament, kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti bis-saħħa tiegħu u r-riżultati miksuba. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għal dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, dment li dawk il-prijoritajiet ikunu direttament relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u fl-Annessi II u III.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.	Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021 ***sal-31 ta' Diċembru 2027***.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-istabbiliment u l-promozzjoni sa minn stadju bikri tal-funzjonament korrett tal-istituzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jistabbilixxu sistemi ġudizzjarji indipendenti, responsabbli u effiċjenti, inkluż reklutaġġ trasparenti u bbażat fuq il-mertu u jippromwovu kooperazzjoni ġudizzjarja, sistemi ta' evalwazzjoni u promozzjoni u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każijiet ta' għemil ħażin; jiżguraw it-twaqqif ta' sistemi ***robusti*** ta' protezzjoni tal-fruntieri, ***jimmaniġjaw*** il-flussi migratorji u jipprovdu ***ażil*** għal dawk fil-bżonn; jiżviluppaw strumenti effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu u l-korruzzjoni; jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom kif ukoll persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali, u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-protezzjoni tad-data.	(a) L-istabbiliment u l-promozzjoni sa minn stadju bikri tal-funzjonament korrett tal-istituzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: ***ikun hemm separazzjoni tas-setgħat,*** jistabbilixxu sistemi ġudizzjarji indipendenti, responsabbli u effiċjenti, inkluż reklutaġġ trasparenti u bbażat fuq il-mertu u jippromwovu kooperazzjoni ġudizzjarja, sistemi ta' evalwazzjoni u promozzjoni u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każijiet ta' għemil ħażin; jiżguraw it-twaqqif ta' sistemi ***adegwati*** ta' protezzjoni tal-fruntieri, ***jimmaniġġjaw*** il-flussi migratorji u jipprovdu ***asil*** għal dawk fil-bżonn; jiżviluppaw strumenti effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, ***it-traffikar tad-drogi,*** il-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu u l-korruzzjoni; jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem***, inklużi d-drittijiet tat-tfal, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom kif ukoll persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali, u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-protezzjoni tad-data.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) It-tisħiħ tal-governanza ekonomika: L-interventi għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fil-proċess	(c) It-tisħiħ tal-governanza ekonomika: L-interventi għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fil-proċess

tal-programm ta' riforma ekonomika (ERP – ***economic reform process***) u l-kooperazzjoni sistematika mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rigward il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika. It-titjib tal-kapaċità ta' tisħiħ tal-istabbiltà makroekonomika u l-appoġġ tal-progress ***ta'*** żvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona bil-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjonijiet ***kompettitivi*** u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni.	tal-programm ta' riforma ekonomika (ERP) u l-kooperazzjoni sistematika mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rigward il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika ***u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet ekonomiċi multikulturali***. It-titjib tal-kapaċità ta' tisħiħ tal-istabbiltà makroekonomika***, il-koeżjoni soċjali*** u l-appoġġ tal-progress ***lejn żvilupp sostenibbli u*** żvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona bil-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjonijiet ***kompetittivi*** u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni u tas-sħab tagħha biex jipprevjenu l-kunflitti, jibnu l-paċi u jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi, inkluż permezz ta' twissija bikrija u analiżi tar-riskju sensittiva għall-kunflitti; il-promozzjoni tal-kuntatti ***bejn in-nies***, ir-rikonċiljazzjoni, il-miżuri għall-bini tal-paċi u għall-bini tal-fiduċja, l-appoġġ tal-azzjonijiet tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD – capacity building in support of security and development)***;***	(d) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni u tas-sħab tagħha biex jipprevjenu l-kunflitti, jibnu l-paċi***, relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien*** u jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi, inkluż permezz ta' twissija bikrija u analiżi tar-riskju sensittiva għall-kunflitti; il-promozzjoni tal-kuntatti ***interpersonali***, ir-rikonċiljazzjoni, ***id-dover ta' rendikont, il-ġustizzja soċjali,*** il-miżuri għall-bini tal-paċi u għall-bini tal-fiduċja, ***inkluż il-ħolqien ta' Kummissjoni Reġjonali inkarigata bl-aċċertament tal-fatti rigward id-delitti tal-gwerra u ksur gravi ieħor tad-drittijiet tal-bniedem kommessi f'dik li kienet il-Jugoslavja (RECOM), kif ukoll*** l-appoġġ tal-azzjonijiet tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD – capacity building in support of security and development)***, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża u l-komunikazzjoni strateġika biex jitrawwem il-kxif sistematiku tad-diżinformazzjoni.***

Emenda 95

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ***l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba*** soċjali ***inkluż assoċjazzjonijiet*** professjonali ***f'benefiċjarji elenkati fl-Anness I*** u l-inkoraġġiment ta' ***netwerking*** fil-livelli kollha fost l-organizzazzjonijiet ibbażati fl-Unjoni u dawk ta' benefiċjarji ***elenkati fl-Anness I***, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi djalogu effettiv mal-atturi pubbliċi u privati.	(e) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet***, l-indipendenza u l-pluralità*** tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ***tal-organizzazzjonijiet tas-sħab*** soċjali***, inklużi l-assoċjazzjonijiet*** professjonali***, tal-benefiċjarji*** u l-inkoraġġiment ta' ***kuntatti*** fil-livelli kollha fost l-organizzazzjonijiet ibbażati fl-Unjoni u dawk ta' benefiċjarji, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi djalogu effettiv mal-atturi pubbliċi u privati. ***L-assistenza għandha tipprova tkun aċċessibbli għal firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' organizzazzjonijiet fil-benefiċjarji.***

Emenda 96

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) Il-promozzjoni tal-allinjament tar-regoli, tal-istandards, tal-politiki u tal-prattiki tal-pajjiżi sħab ma' dawk tal-Unjoni inklużi ***r-regoli*** dwar l-għajnuna mill-Istat.	(f) Il-promozzjoni tal-allinjament tar-regoli, tal-istandards, tal-politiki u tal-prattiki tal-pajjiżi sħab ma' dawk tal-Unjoni inklużi ***l-PESK, ir-regoli*** dwar ***l-akkwist pubbliku u*** l-għajnuna mill-Istat.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) It-tisħiħ fl-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għat-tagħlim tul il-ħajja u l-kwalità tagħhom fil-livelli kollha, u l-offerta ta' appoġġ lis-setturi kulturali u kreattivi. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jippromwovu	(g) It-tisħiħ fl-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għat-tagħlim tul il-ħajja u l-kwalità tagħhom fil-livelli kollha, u l-offerta ta' appoġġ lis-setturi kulturali u kreattivi ***u l-isport***. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li:

aċċess ugwali għall-edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità ***tat-tfal***, għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, itejbu l-għoti tal-ħiliet bażiċi; iżidu l-livelli edukattivi milħuqa, inaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u jsaħħu t-taħriġ tal-għalliema; jiżviluppaw sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET – vocational and educational training) u jippromwovu sistemi ta' tagħlim imsejsin fuq ix-xogħol biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol; itejbu l-kwalità u r-relevanza tal-edukazzjoni għolja; jinkoraġġixxu attivitajiet relatati mal-alumni; itejbu l-aċċess għal tagħlim tul il-ħajja u jappoġġaw l-investiment fl-infrastruttura tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari bil-għan li jnaqqsu ***l-ispariġġi*** territorjali u jrawmu edukazzjoni mhux segregata u wkoll permezz tal-użu tat-teknoloġiji diġitali.

jippromwovu aċċess ugwali għall-edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità ***inklużivi u bbażati fil-komunità għat-tfal***, għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, itejbu l-għoti tal-ħiliet bażiċi; iżidu l-livelli edukattivi milħuqa, inaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u jsaħħu t-taħriġ tal-għalliema; ***l-għoti tas-setgħa lit-tfal u ż-żgħażagħ u l-possibbiltà li dawn jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.*** Jiżviluppaw sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET – vocational and educational training) u jippromwovu sistemi ta' tagħlim imsejsin fuq ix-xogħol biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol; itejbu l-kwalità u r-relevanza tal-edukazzjoni għolja; jinkoraġġixxu attivitajiet relatati mal-alumni; itejbu l-aċċess għal tagħlim tul il-ħajja ***u l-attività fiżika*** u jappoġġaw l-investiment fl-infrastruttura tal-edukazzjoni u t-taħriġ ***u l-isport***, b'mod partikolari bil-għan li jnaqqsu ***l-inugwaljanzi*** territorjali u jrawmu edukazzjoni mhux segregata u wkoll permezz tal-użu tat-teknoloġiji diġitali.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) It-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jindirizzaw il-qgħad u l-inattività għoljin billi jappoġġaw l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari taż-żgħażagħ (speċjalment dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul u l-gruppi kollha li huma l-inqas rappreżentati. Il-miżuri għandhom jistimulaw il-ħolqien tal-impjiegi u ***japoġġaw*** l-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards tax-xogħol fit-territorju kollu. Oqsma oħrajn ta' intervent għandhom ikunu l-appoġġ għall-	(h) It-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jindirizzaw il-qgħad u l-inattività għoljin billi jappoġġaw l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari taż-żgħażagħ (speċjalment dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul u l-gruppi kollha li huma l-inqas rappreżentati. Il-miżuri għandhom jistimulaw il-ħolqien tal-impjiegi u ***jappoġġaw*** l-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards***, li hemm qbil fuqhom fil-livell internazzjonali,*** tax-xogħol fit-territorju kollu***, inkluż billi***

ugwaljanza bejn is-sessi, il-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-produttività, l-adattament tal-ħaddiema u l-intrapriżi għall-bidla, it-twaqqif ta' djalogu soċjali sostenibbli u l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-ispettorati tax-xogħol.	***titrawwem l-osservanza tal-prinċipji u tad-drittijiet ewlenin kif imsemmi fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***. Oqsma oħrajn ta' intervent għandhom ikunu l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-produttività, l-adattament tal-ħaddiema u l-intrapriżi għall-bidla, it-twaqqif ta' djalogu soċjali sostenibbli u l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-ispettorati tax-xogħol.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) Il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jipprovdu protezzjoni effettiva, effiċjenti u adegwata fl-istadji kollha tal-ħajja ta' persuna, irawmu l-inklużjoni soċjali, jippromwovu l-opportunitajiet indaqs u jindirizzaw l-inugwaljanzi u l-faqar. L-interventi f'dan il-qasam għandhom ukoll jiffukaw fuq: l-integrazzjoni tal-komunitajiet emarġinati bħar-Rom; il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; it-titjib fl-aċċess għal servizzi affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja, bħall-edukazzjoni u ***kura*** bikrija ***tat-tfal***, is-settur tal-abitazzjoni, il-kura tas-saħħa, servizzi soċjali essenzjali u kura fit-tul, inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.	(i) Il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jipprovdu protezzjoni effettiva, effiċjenti u adegwata fl-istadji kollha tal-ħajja ta' persuna, irawmu l-inklużjoni soċjali, jippromwovu l-opportunitajiet indaqs u jindirizzaw l-inugwaljanzi u l-faqar***, u jippromwovu t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fil-familja u l-komunità***. L-interventi f'dan il-qasam għandhom ukoll jiffukaw fuq: l-integrazzjoni tal-komunitajiet emarġinati bħar-Rom; il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; it-titjib fl-aċċess għal servizzi ***bbażati fil-familja u l-komunità*** affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja, bħall-edukazzjoni u ***l-kura*** bikrija ***inklużivi u mhux segregati għat-tfal***, is-settur tal-abitazzjoni, il-kura tas-saħħa, servizzi soċjali essenzjali u kura fit-tul, inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. ***Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal***

	kwalunkwe forma ta' segregazzjoni jew esklużjoni soċjali m'għandhomx ikunu appoġġati.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) Il-promozzjoni ta' trasport intelliġenti, sostenibbli, inklużiv u sikur u t-tneħħija ta' konġestjoni fl-infrastrutturi tan-netwerk prinċipali, b'mod partikolari permezz ta' investiment fi proġetti b'valur Ewropew għoli miżjud. Jenħtieġ li l-investimenti ***jiġu pprijoritizzati*** skont ***ir-relevanza*** tagħhom għall-konnessjonijiet TEN-T mal-UE, ***il-kontribuzzjoni*** għall-mobilità sostenibbli, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, l-impatt ambjentali, il-mobilità sikura, f'sinerġija mar-riformi promossi mit-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport.	(j) Il-promozzjoni ta' trasport intelliġenti, sostenibbli, inklużiv u sikur u t-tneħħija ta' konġestjoni fl-infrastrutturi tan-netwerk prinċipali, b'mod partikolari permezz ta' investiment fi proġetti b'valur Ewropew għoli miżjud. Jenħtieġ li l-investimenti ***jingħataw prijorità*** skont ***ir-rilevanza*** tagħhom għall-konnessjonijiet TEN-T mal-UE, ***konnessjonijiet transfruntiera, il-ħolqien tal-impjiegi, il-kontribut*** għall-mobilità sostenibbli, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, l-impatt ambjentali, il-mobilità sikura, f'sinerġija mar-riformi promossi mit-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) It-titjib tal-ambjent tas-settur privat u l-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala muturi ewlenin għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni. Għandha tingħata prijorità għal proġetti li jtejbu l-ambjent tan-negozju.	(k) It-titjib tal-ambjent tas-settur privat u l-kompetittività tal-intrapriżi, ***b'mod partikolari l-SMEs,*** inkluż l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala muturi ewlenin għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni. Għandha tingħata prijorità għal proġetti ***sostenibbli*** li jtejbu l-ambjent tan-negozju.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) Isir kontribut għas-sigurtà u s-sikurezza tal-provvista alimentari u ż-żamma ta' sistemi ta' biedja diversifikati u vijabbli f'komunitajiet rurali vibranti u fil-kampanja.	(m) Isir kontribut għas-sigurtà u s-sikurezza tal-provvista alimentari u ***tal-ilma u*** ż-żamma ta' sistemi ta' biedja diversifikati u vijabbli f'komunitajiet rurali vibranti u fil-kampanja.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) Iż-żieda tal-kapaċità tas-setturi agroalimentari u tas-sajd sabiex ilaħħqu mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq, kif ukoll sabiex jallinjaw ***irwieħhom*** progressivament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni, filwaqt li jfittxu li jiksbu l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali fi żvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali u tal-kosta.	(p) Iż-żieda tal-kapaċità tas-setturi agroalimentari u tas-sajd sabiex ilaħħqu mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq, kif ukoll sabiex jallinjaw ***ruħhom*** progressivament mar-regoli u l-istandards ***tal-Unjoni, bil-għan li jżidu l-kapaċità ta' esportazzjonijiet lejn is-suq*** tal-Unjoni, filwaqt li jfittxu li jiksbu l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali fi żvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali u tal-kosta.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(pa) Il-promozzjoni ta' attivitajiet u t-titjib tal-istrateġiji u tal-politiki fuq terminu twil li jipprevjenu u jiġġieldu r-radikaliżmu u l-estremiżmu vjolenti.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-impjiegi, il-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u kulturali transfruntiera, fost l-oħrajn permezz ta': l-integrazzjoni tas-swieq transfruntiera tax-xogħol, inkluża l-mobilità transfruntiera; inizjattivi konġunti ta' impjieg lokali; servizzi ta' informazzjoni u konsulenza u taħriġ konġunt; l-ugwaljanza bejn is-sessi; l-opportunitajiet indaqs; l-integrazzjoni tal-komunitajiet tal-immigranti u tal-gruppi vulnerabbli; l-investiment fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi; u l-appoġġ tal-investiment fis-saħħa pubblika ***u s-servizzi*** soċjali;	(a) il-promozzjoni tal-impjiegi, il-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u kulturali transfruntiera, fost l-oħrajn permezz ta': l-integrazzjoni tas-swieq transfruntiera tax-xogħol, inkluża l-mobilità transfruntiera; inizjattivi konġunti ta' impjieg lokali; servizzi ta' informazzjoni u konsulenza u taħriġ konġunt; l-ugwaljanza bejn is-sessi; l-opportunitajiet indaqs; l-integrazzjoni tal-komunitajiet tal-immigranti u tal-gruppi vulnerabbli; l-investiment fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi; u l-appoġġ tal-investiment fis-saħħa pubblika ***kif ukoll fit-tranżizzjoni lejn servizzi*** soċjali ***bbażati fil-familja u l-komunità***;

Emenda 106

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-promozzjoni tat-tneħħija ta' ostakoli żejda għall-kummerċ, inklużi ostakli burokratiċi, tariffi u ostakli nontariffarji;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-inkoraġġiment tat-turiżmu ***u l-patrimonju*** kulturali u naturali;	(e) l-inkoraġġiment tat-turiżmu***, tal-isport kif ukoll tal-patrimonju*** kulturali u naturali;

Emenda 108

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-investiment fiż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet permezz inter alia tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' edukazzjoni konġunta, taħriġ vokazzjonali, skemi ta' taħriġ u infrastruttura li tappoġġa l-attivitajiet konġunti favur iż-żgħażagħ;	(f) l-investiment fiż-żgħażagħ, ***l-isports,*** l-edukazzjoni u l-ħiliet permezz***,*** inter alia***, tal-iżgurar tar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki,*** tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' edukazzjoni konġunta, taħriġ vokazzjonali, skemi ta' taħriġ u infrastruttura li tappoġġa l-attivitajiet konġunti favur iż-żgħażagħ;

Emenda 109

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-promozzjoni ***ta' governanza*** lokali u reġjonali u ***t-tisħiħ*** tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva ***ta' awtoritajiet*** lokali u reġjonali;	(g) il-promozzjoni ***tal-governanza*** lokali u reġjonali***, inkluż il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet bil-għan li jitrawmu r-rikonċiljazzjoni*** u ***l-konsolidament tal-paċi, it-tisħiħ*** tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva ***tal-awtoritajiet*** lokali u reġjonali;

Emenda 110

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-investiment fil-bini tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Emenda 111

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet bil-għan li jitrawmu r-rikonċiljazzjoni u l-konsolidament tal-paċi, inkluż il-ħolqien

ta' Kummissjoni Reġjonali inkarigata bl-aċċertament tal-fatti rigward id-delitti tal-gwerra u ksur gravi ieħor tad-drittijiet tal-bniedem kommessi f'dik li kienet il-Jugoslavja (RECOM).

Emenda 112

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) it-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija transfruntiera u l-iskambju ta' informazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità organizzata transfruntiera u ta' każijiet konnessi ta' reati u korruzzjoni ekonomika u finanzjarja, traffikar u kuntrabandu.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista' ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandha tintuża biex tgħin biex jitkejjel il-kontribut tal-Unjoni għall-kisba ***tal-għanijiet*** speċifiċi tagħha:	***Il-lista*** ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ***u l-evoluzzjoni annwali tagħhom*** għandha tintuża biex tgħin biex jitkejjel il-kontribut tal-Unjoni għall-kisba ***tal-objettivi*** speċifiċi tagħha ***u l-progress magħmul mill-benefiċjarji***:

Emenda 114

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Indikatur kompost dwar l-isforzi tas-sħab relatati mar-rikonċiljazzjoni, il-bini tal-paċi, ir-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u l-obbligi internazzjonali, l-

ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa;

Emenda 115

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Indikatur tan-nuqqas ta' vjolenza f'rabta ma' tnaqqis fl-instigaturi ta' konflitt (eż. esklużjoni politika jew ekonomika) kontra valutazzjoni bażi.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Is-sehem taċ-ċittadini benefiċjarji li jaħsbu li huma infurmati sew dwar l-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament (sors: il-Kummissjoni Ewropea).

Emenda 117

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Ir-rata u l-evoluzzjoni annwali tal-allinjament mad-deċiżjonijiet u mal-miżuri tal-PESK (sors: is-SEAE).

Emenda 118

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***5.*** Nefqa pubblika fuq is-sigurtà soċjali (perċentwal tal-PDG) ***(sors: ILO) jew*** ir-Rata ta' Impjieg ***(sors: statistika*** nazzjonali***)***	5. Nefqa pubblika fuq is-sigurtà soċjali (perċentwal tal-PDG) ***kif indikat mill-ILO, in-nefqa fuq is-saħħa, l-inugwaljanza fl-introjtu, ir-rata ta' faqar,*** ir-rata ta' impjieg ***u r-rata tal-qgħad, kif indikat mill-uffiċċji*** nazzjonali ***tal-istatistika.***

Emenda 119

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Varjazzjonijiet maż-żmien fil-koeffiċjent GINI.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Għadd ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera konklużi bejn benefiċjarji tal-IPA u ***IPA/Stati*** Membri tal-UE ***(sors: il-Kummissjoni*** Ewropea***)***	10. Għadd ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera konklużi ***u implimentati*** bejn benefiċjarji tal-IPA u ***bejn il-benefiċjarji tal-IPA u l-Istati*** Membri tal-UE ***kif indikati mill-Kummissjoni*** Ewropea

Emenda 121

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Għadd ta' organizzazzjonijiet ġodda li maż-żmien jipparteċipaw fl-azzjonijiet u

	fil-programmi.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-indikaturi, meta jkun rilevanti, se jkunu diżaggregati ***skont is-sess***.	L-indikaturi, meta jkun rilevanti, se jkunu diżaggregati ***fil-livell tal-età minima u tas-sess***.